**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 21 ta' Novembru, 2019**

Numru 12

**Rikors Guramentat Nru. 1087/2018**

**Wara cedola ta' depozitu numru 978/2012**
**fl-atti tas-subbasta numru 83/09**
**fl-ismijiet**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Adolph Baldacchino u martu Joanne Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' JM Vassallo Vibro Steel Limited tad-9 ta' Lulju 2012 wara l-atti tas-subbasta 83/09 u fl-atti tac-cedola ta' depozitu 978/2012 ghal ftuh ta' konkors tal-krendituri ta' Adoph Baldacchino u martu Joanne Baldacchino, gradwazzjoni tal-krendituri relattivi u zbank skont il-gradwazzjoni.

Rat li ghal dan il-ghan il-Qorti b'digriet tal-1 ta' Novembru 2018 laqghet it-talba u sussegwentement wara notifika lil persuni interessati appuntatu ghas-smigh u appuntat lil Dr Josette Grech biex tipprezenta rapport bil-konkluzzjonijiet taghha dwar it-talbiet.

Rat l-atti u r-rapport ta' Dr Grech;

Rat li l-vertenza thalliet ghall-provvediment.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tibda biex taghmel riassunt ta’ dak li wassal ghat-talba odjerna u ghal dan il-ghan qed tipproduci l-perkors ta’ din il-vertenza kif riassunta abilment mil-perit legali Dr Josette Grech.

> Illi, permezz ta’ digriet moghti fl-1 ta’ Novembru 2018, din l-Onorabbli Qorti qieset li hemm lok ghal konkors tal-kredituri u ordnat il-ftuh tal-istess, stante li kkunsidrat li hemm diversi kredituri bi pretensjonijiet ta’ krediti;
>
> Illi dan id-digriet gie moghti in segwitu ghal diversi rikors ghall-izbank, bl-ewwel rikors sar mis-socjeta JM Vassallo Vibro Steel Limited datat 9 ta’ Lulju 2012 (a fol. 1 et seq. tal-process) ghall-izbank tas-somma fl-ammont ta’ disgha u erbghin elf u hames mitt ewro (€49,500) depozitata permezz tac-cedola ta’ depozitu numru 978/2012 li saret fl-atti tas-subbasta nunmru 83/09 wara l-bejgh bl-irkant tal-immobbli suggett ghal dik is-subbasta;
>
> Il-bejgh bl-irkant sar fuq istanza tas-socjeta Bank of Valletta plc li b’rikors datat 26 ta’ Novembru 2009 talbet il-hrug ta’ mandat ta’ qbid ta’ hwejjeg immobbli tal-maisonette bl-isem “Silver Shadow”, numru wiehed (1), Triq is-Selq, Zabbar u dana sabiex tottjeni l-hlas tad-debitu lilha dovut wara li kienet giet kanonizzata kreditrici fil-konfront tal-konjugi Adolph u Joanne Baldacchino in forza ta’ sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Prim Awla fis-27 ta’ Novembru 2001 fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Adolph u Joanne Baldacchino (Cit Nru 1434/00/JRM) fis-somma ta’ €28,332.19;
>
> B’digriet tat-22 ta’ Jannar 2010 il-Qorti laqghet it-talba ghal hrug ta’ mandat ta’ qbid ta’ hwejjeg immobbli fuq il-proprjeta imsemmija u ordnat il-bejgh bl-irkant tal-istess;
>
> B’nota guramentata ai termini tal-artikolu 333 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijet ta’ Malta, is-socjeta Bank of Valletta plc uriet ix-xewqa li toffri animo compensandi fis-subbasta in kwistjoni;
>
> B’nota ta’ kompartecipazzjoni datata 3 ta’ Frar 2011 (a fol. 47 tal-atti tas-subbasta), il-kreditur Mario Tonna dahal bhala esekutant iehor ai termini tal-Artikolu 346 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’nota guramentata sussegwenti Mario Tonna indika x-xewqa tieghu li joffri animo compensandi fis-subbasta in kwistjoni (a fol. 51 tal-atti tas-subbasta);
>
> B’nota prezentata fl-1 ta’ Marzu 2012, is-socjeta Y&P Marketing (Malta) Limited iddikjarat li qed tidhol bhala ezekutanti fl-atti tas-subbasta ai termini tal-artikolu 346 tal-Kapitolu 12 (a fol. 108 tal-atti tas-subbasta);

Fit-28 ta' Gunju 2012 il-fond oggett tas-subbasta gie liberat a favur ta' Mark Camilleri u b'cedola numru 978/2012 (a fol 150 tal-atti tas-subbasta) sar id-depozitu mill-istess Mark Camilleri tal-prezz tal-bejgh tal-immobli fl-ammont ta' €49,500;

B'rikors intavolat fit-12 ta' Lulju 2012 is-socjeta HSBC Bank Malta plc talbet l-izbank ta' ammont lilha dovut, ghal liem is-socjeta JM Vassallo Vibro Steel Limited opponiet u tenniet il-posizzjoni taghha dwar il-kreditu dovut lilha u l-istess ghamel il-kompartecipant Mario Tonna li tenna l-posizzjoni dwar il-kreditu lilu dovut u ssottometta li ghandu jinfetah il-konkors ta' kredituri;

Fir-risposta taghha ghar-rikors ta' zbank ta' JM Vassallo Vibro Steel Limited prezentata fid-9 ta' Awwissu 2012, is-socjeta HSBC Bank Malta plc talbet li t-talba ghall-izbank tigi michuda ghaliex il-kreditu taghha jippregradwa. Fir-risposta tieghu ghall-istess rikors, il-kompartecipant Mario Tonna sostna li hemm lok ghal konkors ta' kredituri u talab li jinfetah il-konkors;

B'rikors tas-26 ta' Lulju 2012 (a fol. 204 tal-atti tas-subbasta), is-socjeta Y&P Marketing (Malta) Limited talbet l-izbank tal-ammont lilha dovut. Ghal dan ir-rikors wiegbet is-socjeta HSBC Bank Malta plc b'risposta intavolata fid-9 ta' Awwissu 2012 li permezz taghha opponiet it-talba tas-socjeta Y&P Marketing (Malta) Limited u l-istess ghamel il-kompartecipant Mario Tonna li sostna li ghandu jinfetah il-konkors tal-kredituri b'risposta li ressaq fit-23 ta' Awwissu 2012. Is-socjeta JM Vassallo Vibro Steel Limited wkoll opponiet filwaqt illi tenniet it-talba taghha sabiex tizbanka b'risposta mressqa fit-23 ta' Awwissu 2012;

B'rikors intavolat fit-30 ta' Lulju 2012, is-socjeta HSBC Bank Malta plc ressqet pretensjoni ulterjuri ghall-izbank ta' ammont iehor lilha dovut. Ghal din it-talba oppona kemm il-kompartecipant Mario Tonna b'risposta prezentata fit-13 ta' Awwissu 2012 u anke J.M Vassallo Vibro Steel Limited filwaqt illi din tal-ahhar tenniet it-talba taghha sabiex tizbanka b'risposta mressqa fit-23 ta' Awwissu 2012;

Permezz ta' rikors tas-7 ta' Awwissu 2012, il-kompartecipant Mario Tonna talab li x-xerrej jigi ordnat jiddepozita l-ispejjez li hu bhala ezekutant ghamel ghal kanonizzazzjoni tal-kreditu tieghu u ghall-irkant, liema rikors gie milqugh b'digriet tat-12 ta' Settembru 2012 u konfermat b'digriet ulterjuri datat 20 ta' Frar 2013, liema somma giet depozitata mix-xerrej Mark Camilleri u eventwalment zbankata mill-kompartecipant Mario Tonna;

L-artikolu 416 tal-Kapitolu 12 jistpula hekk:
(1) Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew iddepozitati flus, illi fuqhom izjed minn zewg persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' haddiehor jew qabilhom, jew xi interess iehor, il-qorti, fuq rikors ta' wiehed minn dawk il-pretendenti, tordna, bil-mezz tar-registratur, li, f`gazzetta wahda jew izjed, fosthom f`kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf b'dak id-depozitu u b'dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull min jista' jkollu interess sabiex igib 'il quddiem il-jeddijiet tieghu fi zmien xahar; u meta

jaghlaq dak iz-zmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f'dak iz-zmien, ma tista' twaqqaf jew xort'ohra zzomm il-kawza ta' konkors milli tigi deciza bejn dawk li jkunu dehru.
(2) Fl-avviz hawn fuq imsemmi ghandu jkun hemm il-jum li fih, wara li jaghlaq l-imsemmi zmien ta' xahar, il-partijiet interessati kollha li jkunu giebu 'l quddiem il-pretensjonijiet taghhom, ghandhom jidhru fil-qorti ghas-smigh tal-kawza.
(3) F'affarijiet tal-kummerc, iz-zmien hawn fuq imsemmi jista' jigi mqassar daqs kemm il-qorti jidhrilha li jkun bizzejjed.
(4) Bl-avviz hawn fuq imsemmi ghandhom ikunu nnotifikati d-depozitanti, id-debitur, il-kredituri esekutanti kif ukoll kull kreditur iehor li fuq talba tieghu jkun gie mahrug mandat ta' sekwestru.

Jirrizulta illi l-Bank of Valletta plc bhala kreditur ezekutant gie notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u bid-digriet fl-14 ta' Novembru 2018 (tergo fol. 15 tal-process) u rega' ta ruhu b'notifikat bl-atti fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019 izda ma ressaqx talba fit-terminu prefiss ta' xahar sabiex iressaq il-pretensjonijiet tieghu kif irid l-artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fi kwalunkwe kaz, il-posizzjoni tal-Bank of Valletta plc giet iccarata permezz tax-xhieda ta' Johanna Bartolo li tokkupa l-kariga ta' Senior Manager Litigation fil-Legal Office tal-istess Bank, li fis-seduta li nzammet fit-28 ta' Mejju 2018 kkonfermat li l-Bank ma andux interess fil-proceduri odjerni u dana peress li l-facilitajiet kollha f'isem Adolph Baldacchino u Joanne Baldacchino thallsu u ghalhekk il-Bank m'ghadx ghandu interess fil-konkors;

Jirrizulta illi Mario Tonna bhala debitur ezekutant ta ruhu b'notifikat bl-atti fis-16 ta' Jannar 2019 izda kien diga ressaq it-talba tieghu fis-27 ta' Novembru 2018 b'rikors li jinstab a fol. 16 u 17 tal-process fejn fih elenka u sostna l-pretensjonijiet tieghu;

Jirrizulta illi s-socjeta HSBC Bank Malta plc giet notifikata fil-15 ta' Novembru 2018 bl-avviz ta' smigh (tergo fol. 15 tal-process) izda ma jirrizultax li kienet notifikata bid-digriet tal-1 ta' Novembru 2019. Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019 tat ruhha bhala notifikata bl-atti. Fuq rikors taghha intavolat fit-18 ta' Dicembru 2018 (a fol. 53 tal-process), is-socjeta HSBC Bank Malta plc giet ammessa bhala kreditur b'digriet tat-28 ta' Dicembru 2018 (a fol. 67 tal-process);

Jirrizulta illi s-socjeta JM Vassallo Vibro Steel Limited tat ruhha b'notifikata bl-atti fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019 u fuq talba taghha giet ammessa bhala kreditur b'digriet tas-7 ta' Frar 2019 (a fol. 79 tal-process) wara li ressqet u sostniet il-pretensjoni taghha b'rikors intavolat fis-6 ta' Frar 2019 (a fol. 69 tal-process);

Jirrizulta li s-socjeta Y&P Marketing (Malta) Limited giet notifikata bl-avviz ta' smiegh u r-rikors promutur datat 9 ta' Lulju 2012 fl-20 ta' Frar 2019 u ressqet il-pretensjoni taghha f'forma ta' risposta ghall-imsemmi rikors promutur (a fol. 82 et seq. tal-process) fil-25 ta' Frar 2019. Ghalkemm is-socjeta Y&P Marketing (Malta) Limited ma ressqitx it-talba formalment b'rikors sabiex tigi

ammessa, l-esponenti tqis li bir-risposta taghha gabet 'il quddiem il-jeddijiet taghha ghal fini tal-artikolu 416 fuq citat.

Il-kredituri ammessi sabiex jikkonkorru f'dawn il-proceduri ghalhekk huma:

-Mario Tonna

-HSBC Bank Malta plc

-JM Vassallo Vibro Steel Limited

-Y&P Marketing (Malta) Limited

Jibda biex jinghad illi l-krediti fil-konfront tal-konjugi Baldacchino huma:

1. Mario Tonna b'sentenza tal-Prim Awla tat-30 ta' Novembru 2010 (Rik Gur 94/2008JZM) fl-ammont ta' €23,740.08 oltre l-imghax mid-data tas-sentenza sal-pagament u l-ispejjez tal-kawza b'kollox skont il-kreditur €38,923.32 sas-26 ta' Novembru 2018. Il-kreditu hu garantit b'ipoteka generali numru 18475/2010 u ipoteka specjali 3231/2011 ukoll fuq il-proprjeta oggett tas-subbasta.

2. HSBC Bank b'sentenza tal-Prim Awla tal-20 ta' Mejju 2002 (Rik Gur 464/2002GV) fl-ammont ta' Lm5,188.85 oltre l-imghax mit-13 ta' Marzu 2002 u l-ispejjez tal-kawza. Pero l-HSBC iddikjarat li l-bilanc dovut kien €708.14 oltre l-ispejjez tal-kawza. Il-kreditu hu garantit b'ipoteka generali numru 10456/2002 u ipoteka specjali 6146/2003 u ipoteka specjali fuq il-fond mertu tas-subbasta 734/2004.

Krediti fil-konfront ta' Adoph Baldacchino:

1. HSBC Bank b'sentenza tat-28 ta' Mejju 2002 (Rik 271/2002SM) fl-ammont ta' Lm3,035.59 li flimkien mal-imghax mit-2 ta' Ottubru 2001 li sat-30 ta' April 2019 kien jammonta ghal €3,482.83 u l-ispejjez tal-kawza. Il-kreditu hu garantit b'ipoteka generali u specjali 13031/2000 u ipoteka generali addizjonali 9838/2002.

2. HSBC Bank ghandu kreditu ulterjuri ta' €1,481.67 fuq il-VISA kif dikjarat fis-seduta quddiem il-perit legali tat-8 April 2019.

3. JM Vassallo Vibro Steel Limited b'sentenza tal-11 ta' Dicembru 2008 (Rik 1100/2008GCD) fl-ammont ta' €45,485.56 oltre l-imghaxijiet li skont il-kreditur kien hemm bilanc ta' €84,366.12 sal-1 ta' Dicembru 2018. Il-kreditu hu garantit b'ipoteka generali numru 2768/2018 u ipoteka specjali fuq nofs indiviz tal-fond soggett ghas-subbasta numru 3576/2010.

4. Y&P Marketing (Malta) Limited b'sentenza tat-18 ta' Ottubru 2011 (Rik 588/2009JZM) fl-ammont ta' €19,751.48 bl-imghax mis-sentenza u spejjez. Il-kreditu hu garantit b'ipoteka generali 16183/2011.

Ma jidhirx li ebda wiehed mill-kredituri ammessi jsostni li hu kreditur privileggjat taht l-artikolu 2003(1) u 2004 tal-Kap. 16 b'caveat kif gej. Il-kreditu privileggjat ghall-ispejjez inkorsi minn Mario Tonna bhala ezekutant ghal bejgh bl-irkant gie saldat, ghalkemm l-ispejjez gudizjarji relatati mal-konkors tal-kredituri li hu privileggjat isir fl-interess tal-kredituri kollha u dawn l-ispejjez jippregradaw qabel kull zbank. Dawn l-ispejjez pero ma jinkludux l-ispejjez tal-izbank li jsir billi dan isir ghal beneficcju personali tal-kreditur li qed jizbanka.

**Krediti ipotekarji**

Jidher illi l-maggoranza kwazi assoluta tal-krediti huma ipotekarji li skont l-artikolu 2092 tal-Kap. 16 jithallsu skont l-ordni ta' iskrizzjoni bla hsara ghal dak li jinghad fl-artikolu 2033(2) tal-Kap. 16. In oltre skont l-artikolu 2095 tal-Kap. 16 il-kreditu jinkludi l-imghax u l-ispejjez tal-iskrizzjoni.

Il-krediti u l-ipoteki gew deskritti aktar il-fuq f'din id-decizjoni bid-dati tal-iskrizzjoni taghhom. Id-depozitu li dwaru qed jikkonkorru l-kredituri hu r-rikavat mill-bejgh tal-fond 1, Triq is-Selq, Zabbar akkwist fiz-zwieg mill-konjugi Baldacchino fit-8 ta' Ottubru 1997.

Billi l-krediti dovuti ma jinsorgux kollha kontra d-debituri flimkien il-perit legali ghamel osservazzjonijiet rilevanti dwar x'jifforma parti mill-komunjoni o meno. Hi tghid hekk:

> Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Angela Demarco vs David Demarco et** (PA 09/10/2003, konfermata fl-appell 01/06/2007) "L-artikolu 1321(1) tal-Kodici Civili jghid li l-beni kollha tal-mizzewgin jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx pruvat xorta ohra; ma tghidx, u ma hemm ebda disposizzjoni li tghid, li d-djun li jassumi konsorti jkunu prezunti li jkunu tal-komunjoni tal-akkwisti". Minn dan isegwi illi, fin-nuqqas tal-ezistenza ta' presunzjoni legali li d-dejn assunt minn konjugi huwa dejn tal-komunjoni, jinkombi fuq il-kredituri li jressaq prova sufficjenti li d-dejn reklamat minnu hija responsabbli ghalih il-komunjoni tal-akkwisti u mhux dak il-konjugi personalment. Imbaghad ai termini tal-Artikolu 1329(1) tal-Kapitolu 16, fir-rigward ta' djun li jsiru minn xi hadd fost il-konjugi u li ma jitbatewx mill-komunjoni ta' l-akkwisti, l-obbligazzjoni assunta minn dak il-konjugi ma

tqieghedx lill-konjugi l-iehor fil-veste ta' debitur solidali. Dan il-principju jopera indipendentement mill-fatt li l-konjugi jinsabu f'regim ta' komunjoni. Hi biss il-kwota tal-komunjoni tal-konjugi obbligat li sussidjarjament taghmel tajjeb, u dan biss f'kaz li t-talba tal-kredituri kontra l-beni parafernali tieghu jew taghha tibqa' insodisfatta.

Izda, fejn si tratta ta' atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestitit biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kinux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja ai termini tal-artikolu 1324 tal-Kapitolu 16. L-obbligazzjonijiet li jinholqu minn dawn l-atti huma mhux biss obbligazzjonijiet validi fil-konfront tal-konjugi li jaghmel tali atti ai termini tal-Artikolu 1324, izda wkoll obbligazzjoni li torbot lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi (ara **J & E Griscti vs Jesmond Sant et**, App Inf 10/01/2007, fejn gie kkonfermat li d-dejn li jsir minn atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, jaghmel tajjeb ghalih il-gid tal-komunjoni tal-akkwisti).

Issa, partikolarment ghar-rigward tal-kreditu dovut lil JM Vassallo Vibro Steel Limited, l-esponenti tirrileva illi ma tressqux provi fuq bazi ta' probabilita li jistabilixxu li l-kreditu dovut lilha kien jemani minn atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni da parti ta' Adolph Baldacchino. Fi kwalunkwe kaz, jirrizulta li meta agixxiet ghal kanonizzazzjoni ta' dan il-kreditu, is-socjeta konkorrenti agixxiet fil-konfront ta' Adolph Baldacchino wahdu u b'hekk ghandha titolu ezekuttiv biss fil-konfront tal-istess Adolph Baldacchino. In-nuqqas ta' sentenza finali jew titolu ezekuttiv fil-konfront ta' Joanne Baldacchino fih innifsu mhuwiex ta' xkiel ghall-partecipazzjoni tas-socjeta JM Vassallo Vibro Steel Limited ghaliex l-ezistenza ta' kreditu jista' jigi kanonizzat fil-kors tal-proceduri tal-konkors (Ghalkemm ma tressqitx prova li JM Vassallo Vibro Steel Limited sa issa istitwiet proceduri ghal kanonizazzjoni tal-kreditu taghha fil-konfront ta' Joanne Baldacchino). Fl-istess hin, huwa car illi kwalunkwe sentenza li tista' tigi deciza fil-konfront ta' Joanne Baldacchino mhijiex ser tippregradwa l-kreditu ipotekarji gja iskritti mill-kredituri konkorrenti l-ohra, ghaliex kwalunkwe ipoteka gudizzjarja li tista' eventwalment tigi iskritta in segwitu ta' tali sentenza sejratabilfors taghti dritt ta' preferenza posterjuri ghall-krediti ipotekarji gia iskritti. Dan qed jinghad naturalment in via ta' ipotesi ghaliex kif gja nghad proceduri fil-konfront ta' Joanne Baldacchino fuq istanza ta' JM Vassallo Vibro Steel Limited ma jirrizultax li gew istitwiti. Jirrizulta wkoll li meta iskriviet l-ipoteki gudizzjali, JM Vassallo Vibro Steel Limited dan ghamlitu fir-rigward ta' nofs indiviz tal-fond oggett tas-subbasta appartenenti lill-istess Adolph Baldacchino.

**Gradwazzjoni**

Meqjus dan kollu, u wara li l-Qorti qieset li s-somma depozitata in segwitu ghal bejgh bl-irkant tal-immobbli jappartjeni indivizament lil konjugi Baldacchino, u wara li qieset li l-kredituri partikolari fiz-zwieg jigu wara l-kredituri tal-komunjoni tal-akkwisti salv id-

data tal-iskrizzjoni ipotekarja li ghandha tipprevali kemm-il darba ma jkunx hemm raguni tajba ghal preferenza, id-distribuzzjoni tar-rikavat mill-bejgh b'subbasta 83/09 ghandu jsir kif gej:
Fl-ewwel lok l-ispejjez gudizzjarji relatati mal-konkors tal-kredituri odjern.

Fit-tieni lok, l-HSBC Bank Malta plc ghas-somma ta' €708.14 bilanc fuq il-kont numru 050-0033869-001 oltre l-imghaxijiet legali mis-6 ta' Novembru 2018 flimkien mal-ammont ta' €339.62 spejjez tal-kawza skont taxxa a fol. 64 tal-process (ai termini tal-artikolu 21095(1) Kap. 16).

Fit-tielet lok, l-HSBC Bank Malta plc ghas-somma ta' €3,482.83 oltre l-imghaxijiet legali b'effett mit-30 ta' April 2019 flimkien mal-ispejjez tal-kawza skont taxxa fl-ammont ta' €675.51 (a fol. 59 tal-process).

Sussegwentement, min-nofs il-bilanc li jifdal cioe dak il-bilanc li jirraprezenta sehem Adolph Baldacchino wara t-tnaqqis previst fil-paragrafi precedenti, jithallas JM Vassallo Vibro Steel Limited in sodisfazzjon ta' parti (peress li ma huwiex ser ikun hemm fondi sufficjenti depozitati bic-cedola msemmija) tal-ammont ta' €84,366.12 oltre l-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Dicembru 2018, u l-ispejjez gudizzjarji ghal kanonizzazzjoni tal-kreditu taghha skond taxxa a fol 8 tal-process, lilha dovut.

Min-nofs il-bilanc li jifdal cioe dak il-bilanc li jirraprezenta sehem Joanne Baldacchino, wara t-tnaqqis previst fil-paragrafi precedenti, jithallas Mario Tonna in sodisfazzjoni ta' parti (peress li ma huwiex ser ikun hemm fondi sufficjenti depozitati bic-cedola imsemmija) tal-ammont ta' €38,923.32 oltre l-imghaxijet legali b'effett mis-27 ta' Novembru 2018 (L-ispejjez tal-kawza li biha Mario Tonna gie kanonizzat kreditur gew saldati u dana hekk kif jirrizulta mir-rikors a fol. 17 tal-process) dovut lilu.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiggradwa l-kredituri f'dan il-konkors bil-mod u ghall-ammonti kif deskritti fil-parti intitolati 'gradwazzjoni' f'dan il-provvediment, tawtorizza l-izbank tal-flus fit-termini ta' tali gradwazzjoni.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur